# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Marzu, 2020**

**Rikors Guramentat Nru. 594/19 GM**

**Tum Invest Limited (C 69572)**

**vs**

**S.C. and Company Limited (C 6050)**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors Ġuramentat li permezz tiegħu, is-soċjeta` attriċi, wara li esponiet:

1. Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) is-soċjeta rikorrenti u s-soċjeta intimata dehru fuq u iffirmaw konvenju (**Dok. TIL 1**) fejn is-soċjeta intimata obbligat ruħha u wiegħdet li tbiegħ u titrasferixxi lill-istess soċjeta rikorrenti li min-naħa tagħha obbligat ruħha u wiegħdet li tixtri u takkwista:

   1. Il-porzjon diviża ta' art bil-bini li jinsab fiha, fl-Imsida, li minn ġo fiha tgħaddi triq li tizbokka f'Birkirkara Bypass/Triq Dun Karm b'faċċata fl-istess triq li tizbokka fi Triq Dun Karm, Birkirkara Bypass fil-kontrada tas-Swatar, Birkirkara, tal-kejl risultanti u approssimattiv ta' ħames t'itmiem jew kull kejl akbar li jista għandha, hekk kif immarkata bil-kulur

roza fuq il-pjanta A annessa mal-istess konvenju, bħala libera u franka u li tmiss mit-tramuntana mat-triq, mill-irjieħ ‘l oħra ma ġid ta’ terzi persuni;

2. Il-porzjon diviza ta’ art delineata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta A annessa mal-istess konvenju, li tmiss mit-tramuntana ma triq Birkirkara bypass, u min-nofsinhar ma triq li tizbokka f’Birkirkara bypass u mill-irjieħ ‘l oħra ma ġid ta’ terzi persuni, bħala libera u franka, tal-kejl kif jirriżulta mill-pjanta annessa mal-konvenju u liema propjetajiet fil-paragrafu 1 u 2 huma indikati bħala Propjeta A fuq l-istess konvenju;

3. Il-porzjon diviza ta art bil-bini li jinsab fl-Imsida li tizbokka fi sqaq it-Torri u ġieli riferita bħala Birkirkara Malta tal-kejl ta ċirca żewgt’itmiem u nofs li tmiss mill-Lvant u mix-Xlokk ma sqaq it-Torri u mill-irjieħ l-oħra ma ġid ta’ terzi bħala altrimenti libera u franka bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tagħha, magħrufa bħala Propjeta B fuq l-istess konvenju u bħala tidher mill-pjanta B unita mal-istess konvenju delineata bil-kulur aħdar

Bħala mhux sottoposti u mhux sovrapposti ghal ebda beni ta’ terzi u jinkludu maghhom l-arjiet relattivi u l-art sottoposta u kwalunkwe strutturi li jinsabu fihom u dana ghall-prezz u ai termini u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess konvenju;

2. Illi l-konvenju surreferit kien soġġett ghal numru ta’ kondizzjonijiet fosthom li l-proprjeta’ oġġett tal-istess konvenju jkunu koperti bil-*local plan* b’mod li l-proprjeta’ ssir fabbrikabbli u kif ukoll li tkun approvata il-*PC application*;

3. Illi skond il-klawsola erbatax (14) tal-istess konvenju, għalkemm il-kuntratt finali kellu jsir fi żmien sitt (6) xhur minn meta l-Proprjeta’ tkun daħlet fil-*Local plan* u joħrog il-permess skont il-*PC application*, il-konvenju ingħata terminu ta’ tlett (3) snin u konsegwentement ġie reġistrat sal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), b’dan illi jekk l-proprjeta’ ma tkunx għadha daħlet fil-*local plan* u/jew ma jkunx għadu ħareg il-permess skont il-*PC application* sa sitt (6) xhur qabel l-egħluq id-data tal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-istess terminu tal-konvenju kellu jiġġedded u jiġi estiz b’perjodi

ta’ sena b’sena b’massimu ta’ sentejn ulterjuri wara l-wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019);

4. Illi dan il-konvenju ġie debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

5. Illi sal-lum l-Proprjeta’ in kwistjoni għadha ma daħlitx fil-*Local Plan* bħala propjeta fabbrikabbli u konsegwentement lanqas ħareġ u lanqas setgħa joħroġ il-permess tal-*PC application* kif imsemmi fil-konvenju, u għaldaqstant skattat il-kondizzjoni erbatax (14) tal-istess konvenju, ossia li l-istess konvenju kellu jiġġedded b’perjodi ta’ sena b’sena b’massimu ta’ sentejn ulterjuri wara l-wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019);

6. Illi s-soċjeta intimata naqset milli tersaq għat-tigdid tal-istess konvenju skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-konvenju, u konsegwentement is-soċjeta rikorrenti ipprezentat ittra uffiċjali fis-sbatax (17) ta’ Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-konfront tas-soċjeta intimata, permezz ta’ liema s-socjeta rikorrenti interpellat lis-socjeta intimata sabiex (1) tersaq u taddivjeni għat-tiġdid u estensjoni tal-konvenju ta’ sena b’sena sa massimu ta’ sentejn wara l-wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) skont kif l-istess soċjeta intimata intrabet li tagħmel *ai termini* tal-imsemmi konvenju u (2) sabiex tersaq u taddivjeni għall-att finali ta’ bejgħ u trasferiment favur tas-soċjeta rikorrenti ai termini u l-kundizzjonijiet indikati fil-konvenju u dan ai termini tal-liġi;

7. Illi s-soċjeta intimata nonostante debitament interpellata baqgħat inadempjenti u qed tirrifjuta li tersaq u taddivjeni għat-tiġdid u estensjoni tal-konvenju ta’ sena b’sena sa massimu ta’ sentejn wara l-wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) skont kif l-istess soċjeta intimata intrabtet li tagħmel *ai termini* tal-imsemmi konvenju u sabiex eventwalment tersaq u taddivjeni għall-att finali ta’ bejgħ u trasferiment favur tas-soċjeta` rikorrenti *ai termini* u l-kundizzjonijiet indikati fil-konvenju u dan ai termini tal-liġi;

8. Illi għandu jingħad ukoll illi s-soċjeta intimata hija diretta minn żewġ diretturi u wieħed mid-diretturi tas-soċjeta intimata wera d-disposizzjoni tiegħu li jersaq għat-tigdid fuq imsemmi, iżda għal tali tiġdid huwa rikjest il-kunsens taż-żewġ diretturi;

9. Illi minħabba l-fatti fuq esposti kellha tinfetaħ il-preżenti kawża;

10. Illi d-direttur tas-soċjeta rikorrenti, ossia Silvan Fenech, jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] hija obbligata ai termini u l-kundizzjonijiet tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), kif debitament irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illi tersaq u taddivjeni għat-tiġdid u estensjoni tal-istess konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), b'perijodi ta' sena b'sena sa massimu sal-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), li permezz tiegħu hija obbligat ruħha li għandha tbiegħ, tassenja u titrasferixxi favur is-soċjeta rikorrenti l-proprjeta indikata fil-konvenju ossia:

1. Il-porzjon diviża ta' art bil-bini li jinsab fiha, fl-Imsida, li minn ġo fiha tgħaddi triq li tiżbokka f'Birkirkara Bypass/Triq Dun Karm b'faċċata fl-istess triq li tiżbokka fi Triq Dun Karm, Birkirkara Bypass fil-kontrada tas-Swatar, Birkirkara, tal-kejl risultanti u approssimattiv ta' ħames t'itmiem jew kull kejl akbar li jista għandha, hekk kif immarkata bil-kulur roża fuq il-pjanta A annessa mal-istess konvenju, bħala libera u franka u li tmiss mit-tramuntana mat-triq, mill-irjieħ 'l oħra ma ġid ta' terzi persuni;

2. Il-porzjon diviża ta' art delineata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta A annessa mal-istess konvenju, li tmiss mit-tramuntana ma triq Birkirkara bypass, u min-nofsinhar ma triq li tizbokka f'Birkirkara bypass u mill-irjieħ 'l oħra ma ġid ta' terzi persuni, bħala libera u franka, tal-kejl kif jirrizulta mill-pjanta annessa mal-konvenju u liema propjetajiet fil-paragrafu 1 u 2 huma indikati bħala Propjeta A fuq l-istess konvenju;

2. Il-porzjon diviża ta art bil-bini li jinsab fl-Imsida li tiżbokka fi sqaq it-Torri u ġieli riferita bħala Birkirkara Malta tal-kejl ta ċirca żewgt'itmiem u nofs li tmiss mill-Lvant u mix-Xlokk ma sqaq it-Torri u mill-irjieħ l-oħra ma ġid ta' terzi bħala altrimenti libera u

franka bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tagħha, magħrufa bħala Propjeta B fuq l-istess konvenju u bħala tidher mill-pjanta B unita mal-istess konvenju delineata bil-kulur aħdar,

kif aħjar deskritti fuq l-imsemmi konvenju;

3. Tordna u tikkundanna lis-soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] tersaq u taddivjeni għat-tiġdid u estensjoni tal-istess konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) b'perijodu ta' sena b'sena sa massimu sal-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), li permezz tiegħu hija obbligat ruħha li għandha tbiegħ, iċċedi, tassenja u titrasferixxi favur is-soċjeta rikorrenti l-proprjeta indikata fil-konvenju ossia:

1. Il-porzjon diviża ta' art bil-bini li jinsab fiha, fl-Imsida, li minn ġo fiha tgħaddi triq li tiżbokka f'Birkirkara Bypass/Triq Dun Karm b'faċċata fl-istess triq li tizbokka fi Triq Dun Karm, Birkirkara Bypass fil-kontrada tas-Swatar, Birkirkara, tal-kejl risultanti u approssimattiv ta' ħames t'itmiem jew kull kejl akbar li jista għandha, hekk kif immarkata bil-kulur roża fuq il-pjanta A annessa mal-istess konvenju, bħala libera u franka u li tmiss mit-tramuntana mat-triq, mill-irjieħ 'l oħra ma ġid ta' terzi persuni;

2. Il-porzjon diviża ta' art delineata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta A annessa mal-istess konvenju, li tmiss mit-tramuntana ma triq Birkirkara bypass, u min-nofsinhar ma triq li tizbokka f'Birkirkara bypass u mill-irjieħ 'l oħra ma gid ta' terzi persuni, bhala libera u franka, tal-kejl kif jirrizulta mill-pjanta annessa mal-konvenju u liema propjetajiet fil-paragrafu 1 u 2 huma indikati bhala Propjeta A fuq l-istess konvenju;

3. Il-porzjon diviża ta art bil-bini li jinsab fl-Imsida li tiżbokka fi sqaq it-Torri u ġieli riferita bħala Birkirkara Malta tal-kejl ta ċirca żewgt'itmiem u nofs li tmiss mill-Lvant u mix-Xlokk ma sqaq it-Torri u mill-irjieħ l-oħra ma ġid ta' terzi bħala altrimenti libera u franka bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tagħha, magħrufa bħala Propjeta B fuq l-istess konvenju u bħala tidher mill-pjanta B unita mal-istess konvenju delineata bil-kulur ahdar,

kif aħjar deskritti fuq l-imsemmi konvenju;

4. Tiffissa lok, jum u ħin sabiex tiġi iffirmata l-iskrittura għat-tiġdid u estensjoni tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) u jekk ikun meħtieġ kwalunkwe dikjarazzjonijiet u/jew dokumenti anċillari li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tkun tista' tiġi reġistrata l-estensjoni u t-tiġdid tal-istess konvenju;

5. Tinnomina u tiddelega lin-Nutar Anthony Abela u/ jew Nutar Sam Abela u/jew Nutar Pubbliku ieħor, sabiex jirrediġi u jirreġistra l-iskrittura għat-tiġdid u estensjoni tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) b'perijodu ta' sena b'sena sa massimu sal-wiehed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u jekk ikun meħtieg kwalunkwe dikjarazzjonijiet u/jew dokumenti anċillari li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tkun tista' tiġi reġistrata l-estensjoni u t-tiġdid tal-istess konvenju, fil-jum, ħin u post li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-iskrittura għat-tiġdid u estensjoni tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) u jekk ikun meħtieġ kwalunkwe dikjarazzjonijiet u/jew dokumenti anċillari li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tkun tista' tiġi reġistrata l-estensjoni u t-tiġdid tal-istess konvenju, fil-jum, ħin u post li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

7. Tiddikjara illi s-soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] hija obbligata ai termini tal-liġi u kif ukoll ai termini u l-kundizzjonijiet tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), illi tersaq u taddivjeni għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment li permezz tiegħu hija għandha tbiegħ, tassenja u titrasferixxi favur is-soċjeta rikorrenti l-proprjeta indikata fil-konvenju ossia:

> 1. Il-porzjon diviza ta' art bil-bini li jinsab fiha, fl-Imsida, li minn ġo fiha tgħaddi triq li tiżbokka f'Birkirkara Bypass/Triq Dun Karm b'faċċata fl-istess triq li tiżbokka fi Triq Dun Karm, Birkirkara Bypass fil-kontrada tas-Swatar, Birkirkara, tal-kejl risultanti u approssimattiv ta' ħames t'itmiem jew kull kejl akbar li jista għandha, hekk kif immarkata bil-kulur roża fuq il-pjanta A annessa mal-istess konvenju, bħala libera u franka u li tmiss mit-tramuntana mat-triq, mill-irjieħ 'l oħra ma ġid ta' terzi persuni;

2. Il-porzjon diviża ta' art delineata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta A annessa mal-istess konvenju, li tmiss mit-tramuntana ma triq Birkirkara bypass, u min-nofsinhar ma triq li tiżbokka f'Birkirkara bypass u mill-irjieħ 'l oħra ma ġid ta' terzi persuni, bħala libera u franka, tal-kejl kif jirrizulta mill-pjanta annessa mal-konvenju u liema propjetajiet fil-paragrafu 1 u 2 huma indikati bħala Propjeta A fuq l-istess konvenju;

kif aħjar deskritti fuq l-imsemmi konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), **u dana għall-prezz u ai termini u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess konvenju;**

8. Tordna u tikkundanna lis-soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] tersaq u taddivjeni għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment permezz ta' liema hija għandha tbiegħ, iċċedi, tassenja u titrasferixxi favur is-soċjeta rikorrenti l-proprjeta indikata fil-konvenju ossia:

1. Il-porzjon diviza ta' art bil-bini li jinsab fiha, fl-Imsida, li minn ġo fiha tgħaddi triq li tiżbokka f'Birkirkara Bypass/Triq Dun Karm b'faċċata fl-istess triq li tizbokka fi Triq Dun Karm, Birkirkara Bypass fil-kontrada tas-Swatar, Birkirkara, tal-kejl risultanti u approssimattiv ta' ħames t'itmiem jew kull kejl akbar li jista għandha, hekk kif immarkata bil-kulur roża fuq il-pjanta A annessa mal-istess konvenju, bħala libera u franka u li tmiss mit-tramuntana mat-triq, mill-irjieħ 'l oħra ma ġid ta' terzi persuni;

2. Il-porzjon diviza ta' art delineata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta A annessa mal-istess konvenju, li tmiss mit-tramuntana ma triq Birkirkara bypass, u min-nofsinhar ma triq li tiżbokka f'Birkirkara bypass u mill-irjieħ 'l oħra ma ġid ta' terzi persuni, bħala libera u franka, tal-kejl kif jirrizulta mill-pjanta annessa mal-konvenju u liema propjetajiet fil-paragrafu 1 u 2 huma indikati bħala Propjeta A fuq l-istess konvenju;

kif aħjar deskritti fuq l-imsemmi konvenju datat wieħed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), u dana għall-prezz u ai termini u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess konvenju;

9. Tiddikjara illi s-socjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] hija obbligata ai termini tal-liġi u kif ukoll ai termini u l-kundizzjonijiet tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), illi tersaq u taddivjeni għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment li permezz tiegħu hija għandha tbiegħ, tassenja u titrasferixxi favur is-soċjeta rikorrenti l-proprjeta indikata fil-konvenju ossia:

> 3. l-porzjon diviza ta art bil-bini li jinsab fl-Imsida li tiżbokka fi sqaq it-Torri u ġieli riferita bħala Birkirkara Malta tal-kejl ta ċirca żewgt'itmiem u nofs li tmiss mill-Lvant u mix-Xlokk ma sqaq it-Torri u mill-irjieħ l-oħra ma ġid ta' terzi bħala altrimenti libera u franka bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tagħha, magħrufa bħala Propjeta B fuq l-istess konvenju u bħala tidher mill-pjanta B unita mal-istess konvenju delineata bil-kulur aħdar,

kif aħjar deskritta fuq l-imsemmi konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), **u dana għall-prezz u ai termini u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess konvenju;**

10. Tordna u tikkundanna lis-soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] tersaq u taddivjeni għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment permezz ta' liema hija għandha tbiegħ, iċċedi, tassenja u titrasferixxi favur is-soċjeta rikorrenti l-proprjeta indikata fil-konvenju ossia:

> 3. L-porzjon diviza ta art bil-bini li jinsab fl-Imsida li tiżbokka fi sqaq it-Torri u ġieli riferita bħala Birkirkara Malta tal-kejl ta ċirca żewgt'itmiem u nofs li tmiss mill-Lvant u mix-Xlokk ma sqaq it-Torri u mill-irjieħ l-oħra ma ġid ta' terzi bħala altrimenti libera u franka bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tagħha, magħrufa bħala Propjeta B fuq l-istess konvenju u bħala tidher mill-pjanta B unita mal-istess konvenju delineata bil-kulur aħdar, kif aħjar deskritta fuq l-imsemmi konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016),

u dana għall-prezz u ai termini u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess konvenju;

11. Tiddikjara, tordna u tikkundanna lis-soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050], jekk ikun meħtieġ, sabiex tersaq għall-pubblikazzjoni ta' kwalsiasi atti pubbliċi u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment, li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista' jiġi pubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment;

12. Tiffissa lok, jum u ħin għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgħ u trasferiment u jekk ikun meħtieġ għall-publikazzjoni ta' kwalsiasi atti pubbliċi u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment, li jistghu jkunu necessarji sabiex ikun jista' jigi pubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment;

13. Tinnomina u tiddelega lin-Nutar Anthony Abela u/jew Nutar Sam Abela u/jew Nutar Pubbliku iehor, sabiex jippubblika l-kuntratt ta' bejgħ u trasferiment relattiv għall-propjeta imsemmija fil-konvenju u jekk ikun meħtieg kwalsiasi atti pubbliċi u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment, li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista' jiġi pubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment, fil-jum, ħin u post li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;

14. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt ta' bejgħ u trasferiment relattiv għall-propjeta fuq indikata u jekk ikun meħtieg kwalsiasi atti pubbliċi u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment, li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista' jiġi pubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment, fil-jum, ħin u post li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

15. F'każ li jirrizulta illi l-att finali ta' bejgħ u trasferiment ma jkunx jista' jiġi ppublikat, ai termini tal-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-konvenju tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), għal ħtijiet imputabbli lis-soċjeta intimata, tiddikjara lill-istess soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] responsabbli għad-danni;

16. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

17. Tikkundanna u tordna lis-soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] tħallas lis-soċjeta rikorrenti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1812/2019 u b'rizerva ta' atti kawtelatorji li jistgħu jiġu intavolati fil-mori tal-proċeduri kontra s-soċjeta intimata li ġiet ingunta għas-subizzjoni u b'rizerva għal kull azzjoni ohra li tikkompeti ls-socjeta rikorrenti skond il-Ligi, kontra s-socjeta intimata.

Rat in-nota t'ammissjoni tas-soċjeta` konvenuta ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti

fl-14 t’Ottubru 2019 (fol 32);

Rat in-nota tas-soċjeta` attriċi ippreżentata waqt is-seduta tallum li permezz tagħha ċediet it-talbiet min-numru sitta (6) san-numru sittax (16) filwaqt li żammet fermi d-drittijiet ulterjuri tagħha fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talbiet numri wieħed (1) sa ħamsa (5) tas-soċjeta` attriċi dedotti fir-Rikors Ġuramentat jirriżultaw ippruvati;

***Decide***

Fuq ammissjoni tas-soċjeta` konvenuta tiddeċiedi illi:

**(1) Tilqa’ l-ewwel talba** billi tiddikjara illi s-soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] hija obbligata ai termini u l-kundizzjonijiet tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), kif debitament irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illi tersaq u taddivjeni għat-tiġdid u estensjoni tal-istess konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), b’perjodi ta’ sena b’sena sa massimu sal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), li permezz tiegħu hija obbligat ruħha li għandha tbiegħ, tassenja u titrasferixxi favur is-soċjeta` rikorrenti l-proprjeta indikata fil-konvenju ossia:

(i). Il-porzjon diviża ta’ art bil-bini li jinsab fiha, fl-Imsida, li minn ġo fiha tgħaddi triq li tiżbokka f’Birkirkara Bypass/Triq Dun Karm b’faċċata fl-istess triq li tiżbokka fi Triq Dun Karm, Birkirkara Bypass fil-kontrada tas-Swatar, Birkirkara, tal-kejl risultanti u approssimattiv ta’ ħames t’itmiem jew kull kejl akbar li jista għandha, hekk kif immarkata bil-kulur roża fuq il-

pjanta A annessa mal-istess konvenju, bħala libera u franka u li tmiss mit-tramuntana mat-triq, mill-irjieħ ‘l oħra ma ġid ta’ terzi persuni;

(ii). Il-porzjon diviża ta’ art delineata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta A annessa mal-istess konvenju, li tmiss mit-tramuntana ma triq Birkirkara bypass, u min-nofsinhar ma triq li tizbokka f’Birkirkara bypass u mill-irjieħ ‘l oħra ma ġid ta’ terzi persuni, bħala libera u franka, tal-kejl kif jirrizulta mill-pjanta annessa mal-konvenju u liema propjetajiet fil-paragrafu 1 u 2 huma indikati bħala Propjeta A fuq l-istess konvenju;

(iii) Il-porzjon diviża ta art bil-bini li jinsab fl-Imsida li tiżbokka fi sqaq it-Torri u ġieli riferita bħala Birkirkara Malta tal-kejl ta ċirca żewgt’itmiem u nofs li tmiss mill-Lvant u mix-Xlokk ma sqaq it-Torri u mill-irjieħ l-oħra ma ġid ta’ terzi bħala altrimenti libera u franka bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tagħha, magħrufa bħala Propjeta B fuq l-istess konvenju u bħala tidher mill-pjanta B unita mal-istess konvenju delineata bil-kulur aħdar,

kif aħjar deskritti fuq l-imsemmi konvenju;

(2) **Tilqa’ t-tieni talba** billi tordna u tikkundanna lis-soċjeta intimata S.C. & COMPANY LIMITED [C 6050] tersaq u taddivjeni għat-tiġdid u estensjoni tal-istess konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) b’perijodu ta’ sena b’sena sa massimu sal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), li permezz tiegħu hija obbligat ruħha li għandha tbiegħ, iċċedi, tassenja u titrasferixxi favur is-soċjeta rikorrenti l-proprjeta indikata fil-konvenju ossia:

(i). Il-porzjon diviża ta’ art bil-bini li jinsab fiha, fl-Imsida, li minn ġo fiha tgħaddi triq li tiżbokka f’Birkirkara Bypass/Triq Dun Karm b’faċċata fl-istess triq li tizbokka fi Triq Dun Karm, Birkirkara Bypass fil-kontrada tas-

Swatar, Birkirkara, tal-kejl risultanti u approssimattiv ta' ħames t'itmiem jew kull kejl akbar li jista għandha, hekk kif immarkata bil-kulur roża fuq il-pjanta A annessa mal-istess konvenju, bħala libera u franka u li tmiss mit-tramuntana mat-triq, mill-irjieħ 'l oħra ma ġid ta' terzi persuni;

(ii). Il-porzjon diviża ta' art delineata bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta A annessa mal-istess konvenju, li tmiss mit-tramuntana ma triq Birkirkara bypass, u min-nofsinhar ma triq li tiżbokka f'Birkirkara bypass u mill-irjieħ 'l oħra ma ġid ta' terzi persuni, bhala libera u franka, tal-kejl kif jirrizulta mill-pjanta annessa mal-konvenju u liema propjetajiet fil-paragrafu 1 u 2 huma indikati bhala Propjeta A fuq l-istess konvenju;

(iii). Il-porzjon diviża ta art bil-bini li jinsab fl-Imsida li tiżbokka fi sqaq it-Torri u ġieli riferita bħala Birkirkara Malta tal-kejl ta ċirca żewgt'itmiem u nofs li tmiss mill-Lvant u mix-Xlokk ma sqaq it-Torri u mill-irjieħ l-oħra ma ġid ta' terzi bħala altrimenti libera u franka bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tagħha, magħrufa bħala Propjeta B fuq l-istess konvenju u bħala tidher mill-pjanta B unita mal-istess konvenju delineata bil-kulur ahdar,

kif aħjar deskritti fuq l-imsemmi konvenju;

(3) **Tilqa' t-tielet talba** billi tiffissa nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2020 fl-uffiċċju tan-Nutar Sam Abela fl-10.00a.m. sabiex tiġi iffirmata l-iskrittura għat-tiġdid u estensjoni tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) u jekk ikun meħtieġ kwalunkwe dikjarazzjonijiet u/jew dokumenti anċillari li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tkun tista' tiġi reġistrata l-estensjoni u t-tiġdid tal-istess konvenju;

(4) **Tilqa' r-raba' talba** billi tinnomina u tiddelega lin-Nutar Sam Abela sabiex jirrediġi u jirreġistra l-iskrittura għat-tiġdid u estensjoni tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) b'perijodu ta' sena b'sena sa massimu sal-wiehed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u jekk ikun meħtieg kwalunkwe dikjarazzjonijiet u/jew dokumenti anċillari li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tkun tista' tiġi reġistrata l-estensjoni u t-tiġdid tal-istess konvenju, fil-jum, ħin u post li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;

(5) **Tilqa' l-ħames** talba billi tinnomina lill-Avukat Martha Mifsud sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-iskrittura għat-tiġdid u estensjoni tal-konvenju datat wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) u jekk ikun meħtieġ kwalunkwe dikjarazzjonijiet u/jew dokumenti anċillari li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tkun tista' tiġi reġistrata l-estensjoni u t-tiġdid tal-istess konvenju, fil-jum, ħin u post li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

(6) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħrajn** (minkejja li dawn ġew ammessi) billi dawn ġew ċeduti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1812/2019 a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA**